MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 251/1998/1

Mariano Spiteri ;
Emanuel Spiteri ;
Antonia Spiteri ;
Salvina mart Leli Tabone ;
Guza Zerafa ;
Loreto Zerafa kemm f'ismu proprjuu kif ukoll bhala mandatarju ta' hutu msefrin Salvu Zerafa, Martinu Zerafa, Annunziata mart Guzepp Grech, ilkoll imsefrin l-Awstralja ;
Loreta, Angela, Frankie, u Antoine ahwa Zerafa ;
Dolores mart Bill Grech ;
Tereza Zerafa kemm f'isimha proprja kif ukoll bhala mandatarja ta' ohtha Sr. Loreta fis-seklu Margherita li tinsab Ruma, l-Italja ;
Loreta Zerafa ;
Ganni Zerafa li qed jidher f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' huh Toni Zerafa li jinsab l-Awstralja .

vs

Loreta mart George Xuereb ;

Loreto Azzopardi ;
Carmena Azzopardi ;
Maria Assunta mart Kelinu Cassar .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :
Illi fl-ghaxra (10) ta’ Dicembru elf disa’ mija sebgha u tletin (1937) miet f’Ghajnsielem, Ghawdex Salvu Zerafa, iben il-mejtin Michael Angelus u Annunziata nee’ Portelli mwieled Ghajnsielem, Ghawdex fejn kien joqghod u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt tieghu (Dok A) ;

Illi fil-hdax (11) ta’ Frar elf disa’ mija wiehed u sittin (1961) mietet f’Ghajnsielem, Ghawdex, Tereza Zerafa, mart l-imsemmi salvu, bint il-mejtin Publius Grima u Modesta nee’ Cutajar, imwielda Ghajnsielem fejn kienet toqghod u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha (dok B) :

Illi fit-tmintax (18) ta’ Jannar elf disa’ mija disa’ u sebghin (1979) miet intestat f’Ghajnsielem, Ghawdex, Giusepp Zerafa, guvni, bin il-mejtin Salvu u Tereza nee’ Grima, imwieled Ghajnsielem fejn kien joqghod u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt tieghu (Dok C) ;

Illi l-imsemmija Salvu u martu Tereza Zerafa mietu intestati u wirtuhom it-tnax-il wild taghhom u cioe’ Annunziata mart Giusepp Spiteri, Maria anna mart Mikiel azzopardi, Baskal, Publia xebba, M’Angelo, Michael guvni, Dolora xebba, Modesta xebba, Giusepp guvni, Loretu, Ganni u Toni jew is-superstiti taghhom ;

Illi l-imsemmi Giusepp Zerafa miet intestat wirtuh hutu u cioe’ Annunziata mart Giusepp Spiteri, Maria Anna mart Mikiel Azzopardi, baskal, Publia xebba, M’Angelo, Michael guvni, Dolora xebba, Modesta xebba, loretu, Ganni u Toni jew is-superstiti taghhom ;

Illi l-imsemmija Annunziata mart Giusepp Spiteri, bint il-mejtin Salvu Zerafa u Tereza nee’ Grima mietet fil-hmistax

(15) ta’ Novembru elf disa’ mija erbgha u sebghin (1974), kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha (dok D) u halliet bhala werrieta taghha lil hames uliedha, u cioe’ Loreta xebba, Emanuel, Mariano, Antonia xebba u Salvina mart Leli Tabone, jew is-superstiti taghhom ;

Illi l-imsemmija Maria Anna mart Mikiel Azzopardi, bint il-mejtin Salvu Zerafa u Tereza nee’ Grima mietet fl-erbgha (4) ta’ Settembru elf disa’ mija disgha u hamsin (1959), kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha (Dok e) u halliet bhala werrieta taghha lil erba’ uliedha u cioe’ lill-konvenuti Loreta mart Gorg Xuereb, Carmela xebba, Loretu u Sunta mart Kelinu Cassar jew is-superstiti taghhom ;

Illi l-imsemmi Baskal Zerafa, bint il-mejtin Salvu u Tereza nee’ Grima miet fis-sbatax (17) ta’ Mejju elf disa’ mija tlieta u tmenin (1983) kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt tieghu (Dok F) u halla bhala werrieta tieghu lil bintu Guza xebba ;

Illi Publia Zerafa, xebba, bint il-mejtin Salvu Zerafa u Tereza nee’ Grima mietet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Marzu elf disa’ mija tmienja u sittin (1968) kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha (Dok G) u rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta’ testment li sar fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Frar elf disa’ mija sitta u sittin (1966) li fih innominat bhala werriet universali taghha lil huha Loretu Zerafa (Dok H) ;

Illi M’Angelo Zerafa, iben il-mejtin Salvu u Tereza nee’ Grima miet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ frar elf disa’ mija hamsa u sebghin (1975) kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt tieghu (dok I) u halla bhala werrieta tieghu lil ghaxar uliedu u cioe’ Guzepp, Loretu, Salvu, Martin, Kelinu, Sr. Gioacchina fis-seklu Maria, Sr. Loreta fis-seklu Margherita, Dolores mart Bill Grech, Annunziata mart Giusepp Grech u Tereza xebba, jew is-superstiti taghhom ;

Illi Michael Zerafa, guvni, iben il-mejtin Salvu u Tereza nee' Grima miet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru elf disa' mija tmienja u tletin (1938) ;

Illi Dolora Zerafa, xebba, bint il-mejtin Salvu u Tereza nee' Grima mietet fl-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija sebgha u tletin (1937) kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha (Dok J) ;

Illi Modesta Zerafa, xebba, bint il-mejtin Salvu u Tereza nee' Grima mietet fis-sebgha (7) ta' Dicembru elf disa' mija sebgha u tletin (1937) kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha (Dok. K) ;

Illi l-imsemmija ahwa Michael, Dolora u Modesta Zerafa mietu intestati wirtuhom ilkoll huthom jew is-superstiti taghhom ;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' kommunjoni ghar-rigward ta' l-eredita ta' l-imsemmija Salvu u martu Tereza Zerafa u binhom Giusepp Zerafa ;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal divizjoni bonarja dawn dejjem baqghu inadempjenti .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tahtar amministratur sabiex jamministra l-beni ppossjeduti in komun bejn il-kontendenti ai termini ta' l-artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Salvu u Tereza konjugi Zerafa billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;

3. Taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Zerafa ;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Salvu Zerafa billi jigi ddikjarat illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;

5. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Salvu Zerafa fi tnax-il porzjon li jigu assenjati wahda kull wiehed lit-tnax-il wild tieghu jew is-superstiti taghhom ;

6. Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmi Salvu Zerafa jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn it-tnax-il wild ta' l-istess Salvu Zerafa jew is-superstiti taghhom ;

7. Tillikwida l-assi partikolari ta' Tereza Zerafa billi jigi ddikjarat illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;

8. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Tereza Zerafa fi tnax-il porzjon li jigu assenjati wahda kull wiehed lit-tnax-il wild taghha jew is-superstitio taghhom ;

9. Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmija Tereza Zerafa jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn it-tnax-il wild ta' l-istess Tereza Zerafa jew is-superstiti taghhom ;

10. Tillikwida l-assi partikolari ta' Giusepp Zerafa billi jigi ddikjarat illi jikkonsistu f'wahda mit-tnax-il porzjon tal-wirt kif likwidat ta' l-imsemmija Salvu u Tereza konjugi Zerafa kif ukol assi ohra illi huwa akkwista matul hajtu u li kienu jappartjenu lilu f'mewtu ;

11. Taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Giusepp Zerafa f'seba' porzjonijiet li jigu assenjati kull wiehed lis-seba' hutu li ssoprovivewh, ilkoll

ulied ta' Salvu u Tereza konjugi Zerafa, jew lis-superstiti taghhom ;

12. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni f'dik id-data, hin u lok li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji mibghuta fl-ewwel (1) ta' Gunju elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u fis-sittax (16) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Mariano Spiteri .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi preliminarjament il-konvenuti ma jopponux id-divizjoni mitluba purche' ssir il-verifika ta' dina l-Onorabbli Qorti ;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti jitolbu l-fakolta' li s-sehem immobiljari li jiddevolvi lilhom jigi assenjat lill-parti minnhom ai termini ta' l-artikolu 503 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Loreto Azzopardi .

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu 1999 fejn innominat lill-A.I.C. Salvu Micallef bhala perit tekniku f'din il-kawza .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku pprezentata fit-2 ta' Jannar 2002 u kkonfermata bil-gurament tieghu fis-16 ta' Mejju 2002 .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Rat il-verbal taghha tas-27 ta' Mejju 2003, fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .
Rat ukoll in-nota tal-kontendenti kollha tat-8 ta' Awissu 2003 fejn dawn indikaw kif kienu qablu li ghandha ssir id-divizjoni tal-proprjetajiet imsemmija fir-relazzjoni ta' l-A.I.C. Salvu Micallef .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u divizjoni ta' diversi ereditajiet provenjenti lilhom mis-successjoni tal-persuni indikati fic-citazzjoni . Ma rrizultax li kien hemm beni mobbli x'jigu divizi . Il-beni mmobbli gew deskritti u stmati mill-perit tekniku l-A.I.C. Salvu Micallef fir-relazzjoni tieghu, li pprepara wkoll pjan ta' kif jistghu jigu maqsuma uhud minnn dawn il-proprjetajiet[1] . Minhabba l-kontenut tan-nota tal-kontendenti kollha prezentata fit-8 ta' Awissu 2003, mhux mehtieg li l-Qorti toqghod tara hi kif ser jigu stabiliti l-kwoti rispettivi u lanqas kif jistghu jigu divizi l-beni indikati bl-ahjar mod bejn il-komproprjetari kollha . Imma, gialadarba hemm il-kunsens tal-partijiet kollha, hija marbuta li tonora l-ftehim kontenut f'din in-nota, tordna li l-beni in divizjoni jigu spartiti bejn il-kontendenti skond l-istess ftehim, u tinkorpora dan il-ftehim fl-istess sentenza taghha[2] .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza prezenti bil-mod segwenti :

1. Tiddikjara illi l-proprjeta' kollha in divizjoni ghandha tigi maqsuma f'seba' (7) cippijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati kif gej :

(i) l-ewwel cipp lill-eredi ta' Annunzjata Spiteri, u cioe' lil uliedha l-atturi Emanuel Spiteri, Mariano Spiteri u Salvina mart Leli Tabone, lkoll ahwa Spiteri ;

---

[1] Ara relazzjoni peritali ta' l-A.I.C. Salvu Micallef a fol. 45 - 51 tal-process .
[2] ara Nota tal-kontendenti tat-8 ta' Awissu 2003 .

(ii) t-tieni cipp lill-eredi ta' Marianna Azzopardi u cioe' lil uliedha l-konvenuti Loreta mart George Xuereb, Carmena Azzopardi, Loreto Azzopardi u Maria Assunta mart Kelinu Cassar ;

(iii) it-tielet cipp lill-eredi ta' Baskal Zerafa, u cioe' l-unika tifla tieghu l-attrici Guza Zerafa ;

(iv) ir-raba cipp lill-eredi ta' Michaelangelo Zerafa, u cioe' (a) lill-attur Loreto Zerafa li qed jidher kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' hutu msiefrin Salvu Zerafa, Martinu Zerafa u Annunziata mart Guzepp Grech; (b) ulied il-mejjet Kelinu Zerafa, u cioe' l-atturi Loreta, Angela, Frankie u Antoinie ahwa Zerafa; (c) l-attrici Dolores mart Bill Grech ; u (d) l-attrici Teresa Zerafa li qed tidher kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' ohtha l-attrici l-ohra Sister Loreta fis-seklu Margerita ;

(v) il-hames cipp lill-eredi ta' Loreto Zerafa; dan halla bhala eredi tieghu lil hutu l-ohra kollha partijiet f'din il-kawza, hlief dak li wiret minghand huh Guzepp Zerafa, li hallieh lill-atturi Mariano Spiteri u Salvina mart Leli Tabone . Il-partijiet qablu li dan ic-cipp jibqa' indiviz u dak li jmiss lil dan ic-cipp jigi mibjugh minnhom kollha flimkien wara li tinghata s-sentenza u kull wiehed jiehu s-sehem proprju tieghu minn dan il-bejgh ;

(vi) is-sitt cipp imiss lill-attur Ganni Zerafa; u

(vii) is-seba' cipp imiss lill-attur Toni Zerafa .

2. Nofs diviz mill-fond maghruf bhala "Tax-Xoqqa" fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u erbgha u hamsin metru kwadru (154m.k.), stmat tal-valur ta' tletin elf lira maltija (Lm30,000), u kif muri ahjar fuq il-pjanta "Dok. SM. 1" annesa mar-relazzjoni tal-perit tekniku, ghandu jigu assenjat lill-konvenuti indikati fic-cipp numru (ii) hawn fuq, indivizament bejniethom ;

3. Is-segwenti sitt (6) proprjetajiet ghandhom jittellghu bix-xorti u jigu assenjati wiehed lil kull cipp hawn fuq indikat, barra c-cipp numru (ii):

(i) nofs iehor diviz mill-fond maghruf bhala "tax-Xoqqa" fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u erbgha u hamsin metru kwadru (154 m.k.) u stmat dan in-nofs diviz tletin elf lira maltija (Lm30,000), kif muri ahjar fuq il-pjanta "Dok. SM 1" annessa mar-relazzjoni peritali ;

(ii) parti diviza mill-fond u raba fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u sebgha u hamsin metru kwadru (157m.k.) u dan kif deskritt ahjar bhala "Porzjon A" fir-relazzjoni tal-perit Micallef a fol. 4 tar-relazzjoni tieghu; stmata din il-parti diviza tletin elf lira maltija (Lm30,000) u murija ahjar bl-ittra "A" fuq il-pjanta "Dok. SM 2" tar-relazzjoni ;

(iii) parti diviza mill-fond u raba' fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u sebgha u hamsin metru kwadru (157m.k.) u dan kif deskritta ahjar bhala "Porzjon B" fir-relazzjoni tal-perit Micallef a fol. 4 ta' l-istess relazzjoni; stmata din il-parti diviza tletin elf lira maltija u murija ahjar bl-ittra "B" fuq il-pjanta "Dok. SM 2" tar-relazzjoni ;

(iv) parti diviza mil-fond u raba fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u sebgha u hamsin metru kwadru (157 m.k.) u dan kif deskritta ahjar bhala "Porzjon C" fir-relazzjoni tal-perit Micallef a fol. 4; stmata din il-parti diviza tletin elf lira maltija (Lm30,000) u murija ahjar bl-ittra "C" fuq il-pjanta "Dok. SM 2" tar-relazzjoni ;

(v) parti diviza mill-fond u raba' fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawex, tal-kejl ta' cirka mija u hamsa u tletin metru kwadru (135m.k.) u dan kif deskritta ahjar bhala "Porzjon D" fir-relazzjoni tal-perit Micallef a fol. 5 tar-relazzjoni; stmata din il-parti diviza sitta u ghoxrin elf lira maltija (Lm26,000) u murija ahjar bl-ittra "D" fuq il-pjanta "Dok. SM 2" tar-relazzjoni ;

(vi) parti diviza mill-fond u raba' fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u hamsa u tletin metru kwadru (135m.k.) u dan kif deskritta ahjar bhala "Porzjon E" fir-relazzjoni tal-perit Micallef a fol. 5; stmata din il-parti diviza tletin elf lira maltija (Lm30,000) u murija ahjar bl-ittra "E" fuq il-pjanta "Dok. SM 2 tar-relazzjoni ;

4. fejn ikun il-kaz ghandha ssir l-ekwiparazzjoni dovuta bejn ic-cippijiet rispettivi ;

5. l-eredi ta' kull wiehed mill-persuni ndikati hawn fuq ghandhom jiehdu c-cipp taghhom b'mod indiviz bejniethom, u wara jaraw x'jaghmlu huma bih ;

6. il-proprjetajiet segwenti, deskritti u stmati wkoll mill-perit tekniku, ghandhom jingiebu ghall-bejgh bis-subbasta sabiex imbaghad ir-rikavat jinqasam f'seba' porzjonijiet ugwali,skond ic-cippijiet fuq stabiliti :

(i) raba' maghrufa bhala "ta' Taht il-Belt" fil-limiti ta' Ghajnsielem, tal-kejl ta' cirka elf hames mija u tletin metru kwadru (1530m.k.) u murija fuq il-pjanta annessa mar-relazzjoni bhala "Dok. SM 3" ;

(ii) raba maghrufa bhala "tal-Lelluxa" fil-limiti ta' Ghajnsielem, tal-kejl ta' cirka elfejn metru kwadru (2000m.k.) u murija ahjar fuq il-pjanta annessa mar-relazzjoni bhala "Dok. SM 4" ;

(iii) il-fond bin-numru tmienja u ghoxrin (28) fi Triq Simerat, Ghajnsielem, Ghawdex, li hu muri ahjar fuq il-pjanta annessa mar-relazzjoni bhala "Dok. SM 5" ;

7. Ghall-fini tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni u assenjazzjoni relattiva tinnomina lin-Nutar Dottor Maria Grima, li ghandha tippublika l-att opportun fil-20 ta’ Marzu, 2004 fil-ghaxra ta’ fil-ghodu (10.00a.m.), fl-ufficcju ta’ l-istess Nutar .

u lill-avukat Dottor Giorgina Scicluna Bajada bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att .

Billi din hija kawza ghad-divizjoni ta' proprjeta' provenjenti minn eredita', l-ispejjez ghandhom jigu ssoportati mill-kondividenti, kulhadd skond is-sehem rispettiv tieghu .
S25198Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------